MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 108/2007

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba permezz ta' liema l-attur jitlob li l-konvenut Tony Sciberras De Giovanni, illum sostitwit minn martu Maria Dolores Sciberras sive Sciberras De Giovanni stante l-mewt tieghu fil-mori tal-proceduri, jigi ikkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija hamsa u ghoxrin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm425.96), ekwivalenti ghal disa' mija tnejn u disghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€992.22), rapprezentanti in quanto ghal tnax-il Lira Maltija u sittin centezmu (Lm12.60) [ekwivalenti ghal disgha u ghoxrin Euro u hamsa u tletin centezmu - €29.35] paga tas-27 ta' Novembru 2006; mitejn tnejn u hamsin Lira Maltija (Lm252) [ekwivalenti ghal hames mija sebgha u tmenin Euro - €587] *leave* mhux mehud mill-attur u *leave* akkumulat; tmienja u erbghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm48.33) [ekwivalenti ghal mija u tnax-il Euro u tmienja u hamsin centezmu - €112.58] bonus ta' Dicembru; sbatax-il Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm17.33) [ekwivalenti ghal erbghin Euro u sebgha u tletin centezmu - €40.37]

bonus ta’ Marzu; sbatax-il Lira Maltija (Lm17) [ekwivalenti ghal disgha u tletin Euro u sittin centezmu - €39.60] spejjez ta’ diesel; sittin Lira Maltija (Lm60) [ekwivalenti ghal mija disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu - €139.76] commissions ghax-xahar ta’ Novembru 2006; u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25) [ekwivalenti ghal tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu - €58.23] ghal extra works li ghalihom l-attur kien jithallas kull xahar; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut permezz ta’ liema laqa’ ghall-azzjoni attrici bl-eccezzjoni li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-istess attur li telaq mix-xoghol. Bla pregudizzju ghal dan u fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat mill-attur gie kontestat mill-konvenut illi jikkontendi ghalhekk li t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra x-xhieda ta’ l-attur moghtija waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Mejju 2007 u ra d-dokumenti minnu esebiti bhala Doks. “ACA1” sa’ “ACA6”.

Ra n-Nota pprezentata mill-attur fit-13 ta’ Gunju 2007[1] permezz ta’ liema irriduca t-talba tieghu ghal tlett mija u hamsin Lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm350.36), ekwivalenti ghal tmien mija u sittax-il Euro u tnax-il centezmu (€816.12). L-attur irriduca t-talba tieghu f’dan is-sens billi rreveda l-ammont minnu pretiz bhala kumpens ghall-leave mhux mehud - minn Lm252 (€587) ghal Lm176.40 (€410.90) – u naqqas ukoll is-somma ta’ Lm6.30 (€14.67) rapprezentanti National Insurance Contribution imhallsa mill-konvenut.

Ra x-xhieda li tat il-konvenuta Maria Dolores Sciberras sive Sciberras De Giovanni waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Ottubru 2008 u waqt is-seduta tat-12 ta’ Novembru 2008. Sema’ l-kontro-ezami tal-konvenuta li sar waqt is-seduta ta’ l-24 ta’ Marzu 2009 u ra d-Decizjoni Numru 1899 moghtija it-Tribunal Industrijali fil-15 ta’ Jannar 2009 wara l-kaz fl-ismijiet “Alfred Charles Attard v. Tony Sciberras de

[1] Fol. 22 tal-process.

Giovanni bhala operator ta’ Shigo Teletwist u fit-30 ta’ Ottubru 2008 l-atti gew assunti minn Maria Dolores Sciberras de Giovanni” esebita mill-konvenuta fl-4 ta’ Mejju 2009.

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza u sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra illi fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti:**

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti rrizulta li l-attur kien impjegat ma’ Tony Sciberras De Giovanni li kien operatur ta’ Shigò Teletwist. L-attur kien ilu fl-impjeg ta’ Tony Sciberras De Giovanni ghal tlettax-il sena u ghaxar xhur. L-ewwel beda bhala *sales representative* u wara sentejn sar *technician* billi Tony Sciberras De Giovanni beda jimporta it-*telephones*.

Gara illi darba minnhom, senjatament fit-28 ta’ Novembru 2006, l-attur u Tony Sciberras De Giovanni kellhom disgwid dwar xi xoghol illi Sciberras De Giovanni ried lill-attur jaghmillu izda, l-attur irrifjuta.

Dak iz-zmien Tony Sciberras De Giovanni kien qed jipprovdi l-*public telephones* li hemm fit-*telephone booths* sofor madwar Malta u xtaq li minn dawn it-*telephones* tista’ tintuza s-sistema ta’ *ten twenty one* ossia, s-sistema biex isiru telefonati internazzjonali. L-attur però deherlu li din is-sistema ma setghetx tigi adoperata fuq dawn it-*telephones* u qal lil Tony Sciberras De Giovanni li r-rikjesta tieghu ma kenitx fattibbli u biz-zmien setghet tohloq iktar dannu milli gid. Ghalkemm Sciberras De Giovanni talad lill-attur biex jibghat *e-mail* lis-*supplier* ta’ dawn it-*telephones* biex jara din is-sistema setghetx tigi adoperata fuqhom, huwa rrifjuta li jaghmel dan.

Kif Tony Sciberras De Giovanni ra r-reazzjoni ta’ l-attur ghar-rikjesta tieghu dana qallu li b’din l-attitudini tieghu seta’ anke baqa’ d-dar u ma giex xoghol. Rinfaccjat b’dan

il-kumment l-attur qabad u telaq mid-dar ta’ Sciberras De Giovanni fejn kien jitmexxa n-negozju. Hu u niezel ‘l isfel l-attur sema’ lil Tony Sciberras De Giovanni jghidlu biex ihalli c-cwievet tal-post tax-xoghol warajh.

Skond il-konvenuta Maria Dolores Sciberras sive Sciberras De Giovanni li gara dakinhar tad-disgwid bejn zewgha u l-attur kien illi *darba wahda filghodu madwar sentejn ilu s-Sur Attard dahal ix-xoghol normali u r-ragel talbu biex jirranga xi haga teknika go telephone u Alfred irrifjuta, anzi l-attitudini tieghu kienet illi din kienet xi haga zghira u ma riedx jaghmilha u r-ragel tieghi kif qed tghid hekk mhux jiena nikkmanda u dan aktar irrifjuta li jaghmilha u r-ragel tieghi qallu li la ma tridx taghmilha you might as well stay home u s-Sur Attard qabad, qam u telaq … Dakinar li saret id-diskursata li ddiskrivejt, saret fil-kcina u jiena kont prezenti. Qed nigi mistoqsija kienx ir-ragel li kecca lil Alfred jew kienx Alfred li telaq minn jeddu nghid illi r-ragel ma kecciehx, Alfred qam u qabad u telaq minn jeddu u minn dakinhar ma giex lura ghax-xoghol*[2].

Dwar il-kwistjoni tac-cwievet il-konvenuta ma setghetx taghti wisq informazzjoni billi dak il-hin hija ma kenitx ghadha fil-kcina billi kienet illargat u kien zewgha li iktar tard qalilha li kien talab ic-cwievet lura lill-attur[3].

Wara dan l-incident l-attur baqa’ ma rritornax fuq ix-xoghol u xi jumejn wara rcieva telefonata minghand Tony Sciberras De Giovanni fejn infurmah li wahda mic-cwievet li kien hemm fil-mazz ta’ cwievet li halla warajh ma kenitx tal-post tax-xoghol. Minn dakinhar l-attur ma sema’ xejn iktar minghand Sciberras De Giovanni hlief li xi zmien wara rcieva ittra minghandu b’cheque anness ghall-valur ta’ Lm13.36. Dan l-ammont kien il-bilanc mill-paga dovuta lill-attur wara li tnaqqas in-*notice money* pretiz minn Tony Sciberras De Giovanni. Dan ic-cheque baqa’ ma ssarrafx mill-attur u l-ittra u l-istess cheque gew minnu esebiti bhala Dok. “ACA1”[4] u Dok. “ACA2”[5].

---

[2] Fol. 43 u 44 tal-process.
[3] Vide kontro-ezami tal-konvenuta waqt is-seduta ta’ l-24 ta’ Marzu 2009.
[4] Fol. 14 tal-process.
[5] Fol. 15 tal-process.

L-atturipprova jirregistra ma' l-ETC bhala *unemployed* izda ghall-ewwel dan ma setghax jaghmlu ghaliex Tony Sciberras De Giovanni sa' dak iz-zmien kien ghadu ma infurmax lill-ETC dwar it-tmiem ta' l-impjieg ta' l-attur. Ghall-habta ta' Jannar 2007 Tony Sciberras De Giovanni baghat jinforma lill-ETC li l-attur kien irrizenja mix-xoghol, affermazzjoni din mhux accettata mill-attur illi in segwitu ha t-tilwima tieghu ma' Sciberras De Giovanni quddiem it-Tribunal Industrijali u dana fuq il-bazi ta' tkeccija ingusta.

It-tilwima bejn l-attur u Tony Sciberras De Giovanni dwar it-tmiem ta' l-impjeg ta' l-attur giet determinata b'decizjoni tat-Tribunal Industrijali moghtija fil-15 ta' Jannar 2009. It-Tribunal Industrijali ddecieda illi *r-rikorrent* [ossia l-attur] *ma tkecciex mis-sid* [ossia Tony Sciberras De Giovanni] *izda kien hu li b'rizultat ta' interpretazzjoni unilaterali ta' dak li ntqal, abbanduna l-impjieg bl-assenza tieghu ghal numru ta' granet konsekuttivi wara s-27.11.06*[6].

L-attur ta rendikont tas-somma globali minnu pretiza minghand il-konvenut – *the amounts that are due to me are twelve pounds sixty cents (Lm12.60) for the work I did on the twenty seventh November, hundred and seventy six pounds fourteen cents (Lm176.14) representing fourteen days leave which I hadn't taken, forty eight pounds thirty three cents (Lm48.33) for the December bonus, seventeen thirty three (Lm17.33) for the March bonus and seventeen pounds (Lm17.00) for the diesel which I had bought on behalf of the company. So that amounts to two hundred and seventy one pounds sixty six cents (Lm271.66) … Other than that there was the commission for the month of November which he did not give me. The commission amounted to approximately sixty pounds (Lm60). Other than that I used to pay all Mr. Sciberras De Giovanni's telephone bills through the internet. He has over a hundred bills and for this work he used to give me an additional twenty five pounds*[7].

[6] Decizjoni esebita mill-konvenuta fl-4 ta' Mejju 2009.
[7] Fol. 12 u 13 tal-process.

Ghalkemm Tony Sciberras De Giovanni ma xehedx ghaliex miet fil-mori tal-proceduri jidher illi huwa qabel li l-ammonti pretizi mill-attur kienu effettivament dovuti lilu. Dana johrog car mill-ittra ta' Shigò Teletwist datata 6 ta' Dicembru 2006 esebita mill-attur bhala Dok. "ACA2" a fol. 15 tal-process u iktar u iktar mill-ittra tal-konsulent legali ta' Tony Sciberras De Giovanni datata 15 ta' Jannar 2007 esebita mill-attur bhala Dok. "ACA6" a fol. 19 tal-process. Madanakollu Tony Sciberras De Giovanni deherlu li mill-ammont komplessiv dovut lill-attur kellha titnaqqas is-somma ta' Lm252 (€587) li skond hu kienet tirrapprezenta *notice money* dovut lilu mill-attur billi dan ta' l-ahhar abbanduna x-xoghol[8].

It-tnaqqis tas-somma ta' Lm252 (€587) da parte ta' Tony Sciberras De Giovanni ma giex accettat mill-attur u kien ghalhekk li l-istess attur ma sarrafx ic-cheque ghall-valur ta' Lm13.36 (€31.12) li Sciberras De Giovanni bghatlu f'Dicembru 2006 u istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet:**

Il-qofol tal-kwistjoni kollha huwa dwar jekk l-attur ghandux jedd jithallas is-somma intiera ta' €816.12 (Lm350.36) minnu pretiza jew inkella ghandux jithallas biss is-somma ta' €229.12 (Lm98.36) wara li jitnaqqas l-ammont ta' €587 (Lm252) rapprezentanti *notice money* pretiz minn Tony Sciberras De Giovanni ghall-fatt li l-attur abbanduna l-impjieg tieghu minn mieghu.

Mill-provi prodotti u partikolarment mill-ittra tal-konsulent legali ta' Tony Sciberras De Giovanni datata 15 ta' Jannar 2007[9], in risposta ghall-ittra tal-konsulent legali ta' l-attur datata 11 ta' Jannar 2007[10], jirrizulta li Tony Sciberras De Giovanni kien accetta li l-ammonti pretizi mill-attur huma effettivament dovuti izda, ippretenda hlas ta' *notice money* minghand l-istess attur ghall-fatt li kien abbanduna l-impjieg tieghu minn mieghu.

---

[8] Dok. "ACA6" a fol.19 tal-process.
[9] Dok. "ACA6" a fol.19 tal-process.
[10] Dok. "ACA5" a fol.18 tal-process.

F'dik l-ittra jinghad espressament *filwaqt li l-klijent tieghi* ***jaccetta*** *li wage 27th November 2006, l-leave, December Bonus, March Bonus, Diesel Chit, Commissions ghax-xahar ta' Novembru 2006 u Lm25 ghal extra works li jithallas kull xahar u li* ***huma dovuti*** *l-klijent tieghek* ***qabad u telaq mix-xoghol tieghu u ghalhekk huwa dovut li jhallas t-termination notice***[11].

Il-fatt li l-attur ma kienx tkecca ingustament mill-impjieg tieghu izda kien hu stess li abbanduna dan l-impjieg jirrizulta stabbilit mid-decizjoni pronuncjata mit-Tribunal Industrijali fil-15 ta' Jannar 2009[12] u dan it-Tribunal ma jistghax jiddipartixxi minn dik il-konkluzzjoni.
Madanakollu dan it-Tribunal ghandu jistabilixxi jekk b'daqshekk l-attur tilefx id-dritt tieghu li jircievi l-hlasijiet dovuti lilu kif pretiz minn Tony Sciberras De Giovanni jew inkella le.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ghad-determinazzjoni gusta ta' din il-vertenza ghandhom jigu kkunsidrati u applikati l-provvedimenti tal-Ligi enuncjati fl-Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 15 tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Hlief meta jkun espressament permess mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew mehtieg b'xi ligi ohra, jew meta ordnat minn jew bis-sahha ta' ordni tal-qorti kompetenti, jew permess fi ftehim li jkun sar bejn principal jew principali jew ghaqda ta' principali min-naha l-wahda u trade union jew trade unions li jirrapprezentaw l-impjegati interessati min-naha l-ohra, principal ma ghandu jaghmel ebda tnaqqis u lanqas jaghmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li ghandha tithallas mill-principal lill-impjegat; (2) Kemm-il darba ma jkunx espressament provdut b'dan jew taht dan l-Att jew xi ligi ohra, principal ma jistax jikkalkola bhala parti mill-paga ta' impjegat xi beneficcju jew dhul iehor, ukoll jekk jinghata jew jithallas mill-principal, li jithallas minhabba xi kawza ohra li ma tkunx il-kuntratt tas-servizz; (3) Hemm x'hemm*

[11] Enfasi tat-Tribunal.
[12] Esebita mill-konvenuta fl-4 ta' Mejju 2009.

*fid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, fuq it-talba bil-miktub ta' impjegat, il-principal jista' jaghmel tnaqqis mill-paga ta' dak l-impjegat ghall-iskop ta' skema ta' pensjoni jew tfaddil jew ghal xi skop li fit-twettiq tieghu l-principal ma jkollu ebda interess finanzjarju, dirett jew indirett; (4) Tnaqqis fil-ghamla ta' hlasijiet diretti jew indiretti bl-iskop li jinkiseb jew li jinzamm impieg ma ghandux isir mill-paga ta' impjegat minn principal, jew minn xi sensal jew kuntrattur tax-xoghol jew xi hadd li jingagga haddiema ghax-xoghol*.

L-Artikolu 22(2) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta in oltre jipprovdi li *mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu ghadhom ma thallsux u kull kumpens li ghandu jithallas lill-impjegat ghall-leave mhux mehud ghandhom jithallsu mad-data tal-jum tal-paga li tigi minnufih wara iffissata skond is-subartikolu (1) bhallikieku l-kuntratt ma ntemmx.*

Minn dawn l-Artikoli tal-Ligi johrog car il-principju li, salv ghall-istanzi imsemmija fl-istess artikolu, il-principal ma ghandu jaghmel ebda tnaqqis ill-paga li ghandha tithallas lill-impjegat **u** li fit-tmiem ta' l-impjieg, tkun xi tkun ir-raguni ta' dak it-tmiem, il-principal tassattivament ghandu jhallas lill-impjegat il-paga kollha dovuta saz-zmien tat-tmiem kif ukoll kull kumpens ghall-leave mhux mehud.

Il-kwezit li necessarjament isegwi minn dawn il-principji huwa f'xiex tikkonsisti l-paga li tithallas mill-principal lill-impjegat.

A tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta l-kelma "paga" tfisser *rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skond l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni*.

L-Artikolu 23(1) ta' l-istess Kapitolu tal-Ligi *inter alia* jipprovdi li *kull principal ghandu jhallas, jew jara li jithallas, lil kull wiehed mill-impjegati whole-time tieghu, dawk il-bonuses statutorji u supplementi ta' dhul fl-ammonti u fiz-zminijiet stabbiliti f'avviz legali mill-Ministru tal-Finanzi bis-*

*sahha ta' dan l-artikolu, sakemm dan il-bonus statutorju jkun fil-form ta' somma ta' flus li, f'kull kaz, ma tkunx inqas minn nofs dik li l-Gvern ikun avza fl-estii generali ta' kull sena partikolari, li sejjer ihallas lil kull wiehed mill-impjegati tieghu matul dik is-sena …*

Applikati l-precitati provvedimenti tal-Ligi ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-ammonti ta' Lm12.60 (€29.35) paga ghal xoghol esegwit fis-27 ta' Novembru 2006, Lm176.40 (€410.90) erbatax-il gurnata *leave* mhux mehdua, Lm48.33 (€112.58) bonus ta' Dicembru, Lm17.33 (€40.37) bonus ta' Marzu, Lm60 (€139.76) commissions ghal Novembru 2006, u Lm25 (€58.23) ghal xoghol *extra* li kien ghamel ghal Tony Sciberras De Giovanni, jikkostitwixxu paga dovuta lill-attur u ghalhekk protetti mill-Ligi u mhux soggetti ghal ebda tnaqqis, lanqas tan-*notice money* f'kaz ta' abbandun ta' l-impjieg da parte ta' l-istess impjegat.

L-uniku ammont li fil-fehma tat-Tribunal ma jaqax taht il-protezzjoni tal-Ligi huwa s-somma ta' Lm17 (€39.60) rapprezentanti spejjez ta' diesel inkorsi mill-attur ghall-principal tieghu. Madanakollu però Tony Sciberras De Giovanni ma ressaq ebda eccezzjoni ta' tpacija jew kontro-talba ghall-hlas ta' *notice money* da parte ta' l-attur u ghalhekk lanqas dan l-ammont ta' Lm17 (€39.60) ma ghandu jitnaqqas mis-somma pretiza mill-attur.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu osservat kjarament jirrizulta li l-attur ghandu dritt jithallas is-somma intiera ta' €816.12 (Lm350.36) ossia, is-somma ta' €830.79 - €14.68 (National Insurance imhallsa mill-konvenut).

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet imressqa minn Tony Sciberras De Giovanni, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u sittax-il Euro u tnax-il centezmu (€816.12), bl-imghax legali dekoribbli mit-13 ta' Gunju 2007 (id-data tal-prezentata tan-Nota ta' Riduzzjoni) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------